Kunsill Lokali Ħal Balzan
153 Triq il-Kbira
Ħal Balzan

---

**MINUTI TAT- TMIENJA u ERBGĦIN LAQGĦA TAS-SEBA' KUNSILL**

**Post:** fis-Sala tal-Kunsill, 153 Triq il-Kbira, Ħal Balzan

**Data:** L-Erbgħa, 1 ta' Ottubru 2014

**Ħin:** Mid-9am sal-10.21 am

**Preżenti:** It-Tabib J. Zammit Montebello
Is-Sur Joseph Mary Galea
Is-Sur Desmond Zammit Marmara
Is-Sur Stephen Gatt
Is-Sur Guido Borg

## 1. Approvazzjoni tal-Minuti

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqegħdu l-minuti tas-Seba' u Erbgħin laqgħa ta' nhar l-Erbgħa 3 ta' Settembru 2014. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

Ġie deċiz li l-minuti jiġu approvati fil-laqgħa li jmiss wara li jsiru l-emendi meħtieġa.

## 2. Mill-Minuti

Is-Segretarju Eżekuttiv infurma lill-Kunsill li fuq *l-overgrown trees* intbagħtet it-tieni ittra lil min ma ottemporax fejn qed jiġi infurmat li jekk ma jinżabrux is-siġar fi żmien sebat'ijiem ser jittieħdu l-passi neċessarji skont il-liġi.

Is-Segretarju Eżekuttiv infurma lill-Kunsill li xogħol fuq il-gazebo fil-Gnien A. Stellini ser jibdew fil-ġimgħat li ġejjin wara li tgħaddi l-attivita' tal-Festa Kultura.

Is-Sindku John Zammit Montebello xtaq jippreċiża li ma għandu xejn personali lejn ħadd u din in-nota ntbagħtet lil kulħadd konċernat.

Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara talab li meta ser ikunu jsiru xi xogħolijiet infrastrutturali fil-lokalita' il-Kunsilliera għandhom jiġu nfurmati minnufih.

Il-Viċi Sindku ta' xi informazzjoni fuq ix-xogħolijiet li għaddejjin fi Triq Guze Bonnici.

Il-Vici Sindku infurma lill-Kunsill li wara li s- Sur Fenech ta' Sqaq Nru 1, Triq Il-Kbira irrfjuta li jagħmel talba bil-miktub lis-sid tad-dar fejn ried li jitwaħħal railing, huwa ser iaqbbad il-ħaddiema tal-Kunsill biex dan ir-railing jitwaħħal fin-nofs ta' l-isqaq.

## 3. <u>Korrispondenza u Ilmenti</u>

**Ittra Nru. 4290**: Email tal-perit Simone Vella Lenicker rigward proposta ta’ bankina quddiem Palazzo Bosio fejn qed tinfurma lill-Kunsill, li l-Bord tal-MEPA ddeċieda favur li ssir bankina wiesgħa 2.2 metri tul il-binja anke jekk hi ġibdet l-attenzjoni tal-Bord biex is-smiegħ tal-applikazzjoni tiġi diferita sakemm jiltaqa’ l-Kunsill fl-1 ta’ Otubru 2014 u jiddeċiedi fuq il-proposti mressqa mir-residenti waqt laqgħa li saret mal-Kunsill.

Il-Kunsill talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex jikteb lill-Bord tal-MEPA għal kjarifikazzjoni uffiċjali raġuni għalfejn ma ddeferix l-applikazzjoni meta l-Kunsill kien għadu ser jiddiskuti l-proposti tar-residenti.

Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara’ talab li ninfurmaw lill-Pulizija biex jinvestigaw min qaċċat il-plakka min quddiem il-propjeta’ ta’ Palazzo Bosio.

**Ittra Nru. 4288**: Email mingħand il-MEPA rigward fondi tal-UIF fejn l-applikazzjoni tal-Kunsill għall-installar ta’ dawl ser tiġi deċiza nhar il-Ġimgħa 17 ta’ Ottubru 2014.

Dwar korrispondenza li rċieva l-Kunsill f’dan il-perjodu l-Kunsill ħa konjuzjoni tal-ittri li ntbagħtu u qabel li jkompli jsegwi l-interess tal-Kunsill kif ikun meħtieġ.

Dwar l-ilmenti l-oħra li rċieva l-kunsill f’dan il-perjodu l-Kunsill ġie nfurmat illi dawn ġew ikkunsidrati u li tkun ittieħdet azzjoni min naħa tal-Kunsill sabiex tinstab soluzzjoni u jitneħħa kull inkonvenjent għas-sodisfazzjon ta’ kull min ippreżenta l-ilment.

## 4 <u>Aġġudikazzjoni ta’ Kwotazzjonijiet- BLC 3/14 u BLC 4/14</u>

**BLC 3/14- Photocopier**

Il-Kunsill qabel li jagħżel l-offerta ta’ We Printing Solutions Ltd peress li din kienet l-aħjar offerta.

**BLC 4/14- Pedestrian Crossing Solar System**

Il-Kunsill qabel li jagħżel l-offerta ta’ Smart Light Systems peress li din kienet l-aħjar offerta.

## 5 <u>Sottokumitati - Tagħrif</u>

Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara, Chairperson tas-Sottokumitat Edukazzjoni, Kultura u Pubblikazjonijiet qal li s-sottokumitat jiltaqa’ regolarment kif ukoll ta dettalji tal-programm għall-attivita’ Festa Kultura.

Il-Kunsillier Guido Borg Chairperson tas-sottokumitat Anzjani u Skejjel avza lill-Kunsill li l-ħarġa li jmiss ser tkun zjara l-lokalita’ ta’ Ħaz-Zabbar. Ingħata tagħrif fuq il-programm tal-ġurnata.

Huwa tkellem ukoll fuq il-laqgħa informali mas-Segretarju Parlamentari Dr. Justyne Caruana waqt is-seminar ‘Anzjani u d-Dimensja’ fejn tkellmu fuq id-Day Centre ta’ Ħal Balzan li kien ser isir fis-sala

Aurora pero’ għar-raġuni li l-ispejjeż involuti biex titranġa din is-sala kienet tammonta għal madwar € 100,000, din kellha tieqaf. Huwa ser jipprova jsib post alternattiv għal din id-Day Centre.

## 6. Komunikazzjoni tas-Sindku

Is-Sindku Dr. John Zammit Montebello qal li hekk kif bdew ix-xogħolijiet fi Triq Guze Bonnici qed jiġu ndirizzati xi nuqqasijiet li nstabu bħal nuqqas ta’ tabelli u ser jiġu ordnati aktar. Jidher ċar li l-ispejjeż skont l-istima tal-perit ser jizdiedu għar-raġuni li waqt li qed tiftaħ it-triq jinqalgħu xogħoliiet addizjonali. L-importanti li x-xogħol isir sew u mhux ikollna l-problemi ‘l quddiem.

Is-Sindku Dr. John Zammit Montebello ta tagħrif fuq il-laqgħa kordjali li kellu ma’ l-Ambaxxiatur il-ġdid għal-Spanja, Dr. Ponze.

## 7 Approvazzjoni biex isir il-ħlas u ħlas ta’ petty cash

Fuq il-Mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta’ ħlasijiet li ġġib id-data ta’ l-1 ta’ Ottubru 2014 (mehmuża) li tammonta għas-somma ta’ € 21,365.49

L-iskeda ta’ ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Guido Borg li kien issekondat mill-Viċi Sindku Joe Galea. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta’ ħlasijet ġiet iffirmata minn żewġ kunsilliera biex juru li hija dokument korrett.

Il-Viċi Sindku Joe Galea ressaq kwotazzjoni għal qsari ġodda (6) flok dawk li hemm fi Triq Providenza li tammonta għas-somma ta’ € 480. Il-Kunsill approva.

## 8 Suġġerimenti u Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara staqsa jekk kienx hemm xi zviluppi fuq il-ħsarat li saru fuq iz-zuntier tal-knisja waqt u qabel il-festa.

Is-Sindku Dr. John Zammit Montebello, qal li waslitlu risposta li l-Kazin ta’ San Gabrel kienu ser jirranġawħ. Jekk jibqa’ ma jsir xejn, bħala Kunsill niktbulhom lura.

Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara qed jissuġġerixxi li fir-rigward tal-ħarġiet kulturali tal-Heritage Malta isiru lejn l-aħħar ta’ Novembru.

Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara ressaq ilment tas-Sinjura Mary Fenech fuq xi bozoz maqtugħin fi Triq il-Wied kif ukoll fuq xi airconditioners li kienu qed jarmu l-ilma fit-triq.

Is-Segretarju Eżekuttiv ser ikellem lill-kuntrattur tad-dawl kif ukoll jinfurmaw lill-pulizija biex jinfurzaw.

Il-Kunsillier Stephen Gatt qal li l-bozoz tal-globi li jinsabu f’ De Paul Avenue baqgħu mitfijin u ma tranġawx mill-Enemalta.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kemm il-darba bagħat reminder lill-Enemalta li taqa’ taħt ir-responsabbilta’ tagħhom għax hija triq arterjali, imma mingħajr ebda komunikazzjoni min naħa tagħhom.

**Għeluq:** Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar il-Ġimgħa, 24 ta’ Ottubru 2014 fid-9.00am.

______________________ ______________________

**Dr. John Zammit Montebello** **Mark Mallia**

Sindku Segretarju Ezekuttiv

______________________

Data